MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 2821/2002/1

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta` estera The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**P. & S. Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Gunju, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' mija sebgha u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (LM127.71) rapprezentanti bilanc in kwantu ghal mija u hdax Lira Maltin u hames centezmu

(LM111.05) 'Royalty' dovuta bil-quddiem in konnessjoni mas-socjeta' attrici a favur tas-socjeta' konvenuta rigwardanti l-istabbiliment 'Palzzo Santa Rosa' San Pawl il-Bahar u sitaxx Lira Maltin u sitta u sittin centezmu (LM16.66) VAT, ghal perjodu mis-6 ta' Gunju, 2002 sal-5 ta' Gunju, 2003.

Bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sall-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Awissu, 2002 kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposat sollevata mis-socjeta' konvenuta li tghid illi s-socjeta' attrici ghandha ggib il-prova tat-titolu li qed tivvanta u l-licenzji relattivi sabiex topera fil-gurisdizzjoni ta' Malta.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz huwa ezagerat.

Salv eccezzonijiet ulterjuri.

Bl-Ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Mill-atti tal-kawza jidher illi t-tribunal diversament presjedut issospenda dawn il-proceduri sabiex il-konvenut ikun jista' jipproponi l-azzjoni opportun quddiem Qorti kompetenti sabiex ikolu provediment dwar *collecting societies,* bhal ma tippretendi li hi s-socjeta' attrici. Tali provvediment huwa ta' ordni pubblika u ntiza li tirregola dawn il-*collecting societies.*

Illi fil-mori tal-kawza kienet istitwita quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili, il-ligi li tirregola id-Drittijiet tal-Awtur tbiddlet, u l-organu kompetenti ghall-licenzjar tal-*collecting societies* sar il-Bord Dwar id-Drittijiet tal-Awtur. Illi permezz ta' decizjoni finali tal-15 ta' Frar, 2007 is-socjeta' attrici giet approvata bhala *collecting society* u t-

> Tariffi taghha debitament approvati anke ghal finijet tal-Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur u l-Avvizi Legali konnessi maghha.
>
> Illi dan it-Tribunal fid-9 ta' Marzu, 2007 ordna ir-riappuntament ghall-kontinwazzjoni tas-smiegh tal-kawza ghal-24 ta'Mejju, 2007 b'notifika lill-kontroparti.
>
> Illi l-partijiet gew debitament notifikati bir-riappuntament fit-23 ta' Marzu, 2007.
>
> Illi s-socjeta' konvenuta baqghet ma dehritx ghas-seduta li nzammet quddiem it-Tribunal ghalkemm debitament notifikata.
>
> Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-PL Josette Attard fl-24 ta' Mejju, 2007 u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.
>
> Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi kif mitluba."

Appellat minn din is-sentenza s-socjeta` konvenuta. L-impostazzjoni ta' l-aggravju taghha hu fis-sens li, ammess li hi naqset li tidher wara r-ri-appuntament tal-kawza, xorta wahda d-decizjoni moghtija ma kellhiex tinghata in vista li l-kawza kienet sospiza sakemm tinghata sentenza definittiva mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili. Fuq il-bazi ta' dan l-assunt taghha, l-istess socjeta` appellanti tibni dawn l-argomenti:-

(i) Mhux rilevanti li fil-frattemp iddahhlu fis-sehh ir-Regolamenti permezz ta' l-Avviz Legali 425 ta' l-2003 ghax dak li jghodd hu l-istat tal-ligi meta saret il-kawza;

(ii) F' dak il-mument (2002/2003) is-socjeta` attrici ma kienetx approvata biex tagixxi bhala "*collecting society*" tal-hlasijiet tar-*royalties* u kien ghal dan il-ghan li

tqajmet l-eccezzjoni minnha u saret il-kawza quddiem il-Prim’ Awla;

(iii) Id-decizjoni tal-Bord dwar id-Drittijiet ta’ l-Awtur (15 ta’ Frar, 2007), li quddiemu applikat is-socjeta` attrici fit-termini ta’ l-Avviz Legali precitat, ma setghetx tincidi fuq il-meritu tat-talba attrici jew ta’ l-eccezzjoni jew tal-kawza pendenti quddiem il-Prim’ Awla. Lanqas ma kellha din id-decizjoni effett retroattiv;

Bi twegiba ghal dawn l-argomenti s-socjeta` attrici tissottometti koncizament dan li gej:-

(1) Is-socjeta` appellanti naqset milli tipprezenta l-argomenti minnha issa dedotti bl-appell quddiem it-Tribunal;

(2) L-istitut tal-kontumacja u tal-kapitolu hu mahsub li jkopri sitwazzjonijiet fejn il-parti avversa tonqos li tidher fil-proceduri;

(3) It-Tribunal kellu jiddeciedi skond l-ekwita` u din tesigi li kwalukwe korp aggudikanti jibbaza ruhu fuq il-provi prodotti;

(4) Ankorke, fis-snin in kwestjoni (2002 - 2003) ma kienetx *collecting society* xorta wahda hi kienet proprjetarja tad-drittijiet ta’ l-awtur assenjati lilha mill-membri taghha. Dippju, kien hemm kuntratt ta’ ftehim mas-socjeta` appellanti u allura din ma setghetx tiddisdici dan l-istess ftehim bil-kontestazzjoni li hi ma kellhiex jedd topera;

(5) L-appell interpost ghandu jitqies frivolu u vessatorju in kwantu intiz biss li jfixkel l-operat taghha;

Fermi l-obbjezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u tat-twegiba ghalihom mis-socjeta` attrici, huwa opportun li, qabel xejn, jigu rijassunti l-elementi rilevanti li gejjin kif johorgu mir-rizultanzi istruttorji:-

(1) Is-socjeta` konvenuta eccepiet in linea preliminari illi s-socjeta` attrici kellha ggib prova tat-titolu minnha vantat u tal-licenzji relattivi biex topera f' Malta;

(2) Fuq l-istregwa ta' sentenzi ohra tat-Tribunal adit (ara in partikolari "Dingli Co. Int. Ltd *nomine* -vs- Victor Fabri" moghtija mill-Gudikatur Anthony Ellul fit-22 ta' April 2003, kopja esebita a fol. 32), b' digriet tal-1 ta' Lulju 2003 it-Tribunal iprefigga lis-socjeta` konvenuta terminu ta' xahar biex tipproponi l-istanza taghha quddiem il-Qorti kompetenti. Ara verbal a fol. 38;

(3) Fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2003, it-Tribunal, wara li ha konjizzjoni li l-procedura opportuna giet hekk ipprezentata quddiem il-Prim' Awla, Qorti Civili, permezz ta' Citazzjoni numru 786/03, ghadda biex jissospendi l-proceduri quddiemu sakemm tigi deciza dik il-kawza. Huwa ghalhekk iddifferixxa l-kawza quddiemu *sine die*. Ara verbal a fol. 39;

(4) B' rikors tat-8 ta' Marzu 2007 (fol. 40) is-socjeta` attrici gharrfet lit-Tribunal li ma kien ghad hemm ebda ostakolu ghall-prosegwiment tal-kawza ghaliex il-Bord dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, b' decizjoni tal-15 ta' Frar, 2007, kien approva l-applikazzjoni taghha biex topera bhala *collecting society*. Konsegwentement, talbet ir-ri-appuntament tal-kawza ghas-smiegh u decizjoni;

(5) It-Tribunal, diversament presjedut, laqa' t-talba u rriappunta l-kawza izda s-socjeta` konvenuta, nonostante li giet debitament notifikata, baqghet ma dehritx;

(6) Is-socjeta` attrici pprezentat kapitolu fl-udjenza ta' l-24 ta' Mejju 2007, data tar-riappuntament tal-kawza, u la s-socjeta` konvenuta baqghet ma dehritx biex twiegeb ghal dak il-kapitolu, it-Tribunal ghadda ghas-sentenza;

Dan premess, fuq l-aggravju dedott l-Qorti trid per forza titlaq mill-punt illi, ghas-sens ta' l-Artikolu 7 (2) tal-Kapitolu

380, it-Tribunal adit kellu, kif fil-fatt hekk ghamel, jissospendi l-procediment quddiemu gjaladarba, u in vista ta' l-eccezzjoni moghtija, il-kwestjoni kienet tesorbita mill-gurisdizzjoni tieghu. Hu proprju fir-rispett ta' dan il-provvediment ir-ragonament espress mit-Tribunal fid-digriet tieghu tad-9 ta' Ottubru 2003 (fol. 38). Naturalment, biex jaghti effett lil dak l-istess provvediment tal-ligi t-Tribunal kien sodisfatt ukoll illi s-socjeta` konvenuta kienet ottemperat ruhha ma' l-ordinanza precedenti tieghu ta' l-1 ta' Lulju, 2003 u, effettivament, istitwit proceduri *ad hoc* quddiem il-Qorti kompetenti;

Ir-rilevanza ta' dak id-digriet tas-sospensjoni fir-rit proceduralI hu ovvju, ghaliex jikkostitwixxi att tat-Tribunal kompetenti li jaghti fidi lid-dikjarazzjonijiet maghmula fih. Minnu jitnissel ukoll illi t-Tribunal kien qieghed *pro tempore* jizvesti ruhu mill-gurisdizzjoni li jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza sakemm tigi finalment deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili l-kontroversja insorta bl-eccezzjoni preliminari. Li jfisser, illi t-Tribunal kellu jistenna sakemm dik il-Qorti l-ohra tiddifinixxi l-kontroversja u mhux jghaddi ghad-decizjoni fil-mertu, kif sar f' dan il-kaz, sempliciment ghaliex, fil-pendenza ta' dik il-kawza l-ohra, is-socjeta` attrici otteniet il-kwalifika ta' *collecting society* minn Bord estraneju bis-sahha ta' Regolamenti li dahhlu fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 2004 (ara Artikolu 1 (2) ta' l-A. L. 425 ta' l-2003);

Bir-rispett dovut din il-Qorti ma tarax kif jistghu, f' dawn id-dati cirkostanzi, jregu b' mod konvincenti, l-argomenti tas-socjeta` attrici appellata ghaliex jista' facilment jigi replikat illi ri-inseriment tal-gurisdizzjoni fit-Tribunal, biex dan ikun jista' jghaddi 'l quddiem ghad-deliberazzjoni u decizjoni tat-talba promotrici, ma kienetx taghmilha d-decizjoni tal-Bord dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur, li fiha s-socjeta` konvenuta ma kienetx parti, imma biss id-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili li lilha giet sottomess l-kontestazzjoni fil-kontradittorju tal-punt imqanqal bl-eccezzjoni. Jekk xejn, ghaliex jinghad *expressis* fl-istess digriet tad-9 ta' Ottubru 2003 illi dik is-sospensjoni kienet

qeghda hekk issir "sakemm tigi deciza l-kawza fuq riferita". Dik, cjoe, permezz ta' Citazzjoni Numru 786/03 ipprezentata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili;

Certament, il-gudizzju skond l-ekwita prevvist mill-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 380 kellu jigi applikat fl-osservanza pjena tan-normi processwali u dak tal-garanzija tat-tutela gurisdizzjonali tad-drittijiet taz-zewg partijiet. Ebda deroga minn dawn il-principji ma tista' tkun accettabbli. Huwa veru li, kif obbjettat mis-socjeta` attrici appellata, kien hemm l-assenza ingustifikata tas-socjeta` appellanti wara r-ri-appuntament tal-kawza u, wkoll, il-konfessjoni gudizzjali tas-socjeta` konvenuta kostitwita mill-kapitolu. Daqstant iehor pero` huwa veru wkoll illi dak id-digriet tat-Tribunal, li introduca barriera gurisdizzjonali temporanja, ma setax jigi mill-istess Tribunal injorat. Kif jinsab ritenut f' certi precedenti gurisprudenzjali, din mhix kwestjoni ta' semplici forma, f' liema kaz il-Qorti ma kienetx tannulla s-sentenza hlief jekk ikun jidhrilha illi, fis-sostanza, ma kienetx gusta, imma si tratta ta' kaz fejn is-sentenza ma messhiex u ma setghetx legalment tinghata meta inghatat. Ara f' dan is-sens "**Angelo Mangion -vs- Agostino Mangion**", Appell Civili, 11 ta' Dicembru, 1967;

Wisq logikament, raggunta din il-konkluzjoni, il-Qorti mhix behsiebha tikkonsidra certi sottomissjonijiet ohra li saru u li hi jidhrilha li ghandhom jibqghu impregudikati in kwantu jimpingu fuq il-mertu tat-talba u ta' l-eccezzjonijiet ghaliha. Kull ma tista' taghmel f' dan l-istadju hu li tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal sabiex l-kawza tigi trattata *ex novo*, anke ghall-beneficcju tad-doppio ezami, wara li tkun definittivament deciza l-kawza pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell billi tannulla s-sentenza appellata. Tirrimanda l-atti lura lit-Tribunal biex dan jaghti d-decizjoni tieghu skond il-ligi wara li tkun definita l-kawza bejn il-partijiet per Citazz. Nru. 786/03 pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

L-ispejjez tal-prezenti appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet mentri dawk ta’ l-ewwel istanza jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------